MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 421/2014

**Charles Micallef Swimming Pools Limited (C 5290)**

**vs.**

**Paul Hili**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi fejn is-soċjetà attriċi qed titlob il-ħlas ta' elfejn, tmien mija u tliet ewro u sittin ċenteżmu (€2803.60) mingħand il-konvenut, rappreżentanti prezz għal xogħlijiet magħmula mis-socjeta′ attriċi fuq swimming pool ġewwa residenza f'High Ridge St. Andrews fuq struzzjonijiet u inkarigu tal-konvenut. L-ammont dovut jinkludi l-prezz tal-materjal użat fl-istess xogħlijiet.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal qiegħed jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn, tmien mija u tliet Ewro u sittin ċenteżmu (€2803.60), bl-imgħax legali dekorribbli mit-28 ta' Frar 2014, li hija d-data tal-aħħar invoice, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------